MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 152/2013

Appell **Nru. 152/2013**

**Il-Pulizija**

**(Spt. Angelo Gafa`)**

**Vs**

**Rosanne Galea**

**John David Galea**

**Illum 6 ta' Marzu, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati Rosanne Galea [detentrici tal-karta tal-identita` numru 223166(M)] u John David Galea [detentur tal-karta tal-identita` numru 115367(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Settembru, 2008 jew fil-jiem ta' qabel, in rapprezentanza tas-socjeta` Futur Focus Limited, sabiex tiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Marzu, 2013 li biha, ma sabitx lill-appellati hati u b'hekk illiberathom minn kull imputazzjoni u htija.

Rat ir-rikors ta' l-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-8 ta' April, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha:

(a) thassar u tirrevoka s-sentenza u

(b) minflok issib lill-appellati hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u

(c) tinfliggi l-piena kontra taghhom skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-esponent ircieva l-atti tal-kawa u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, illiberat lill-imputati mill-imputazzjoni migjuba kontra taghhom. Illi dan qed jinghad ghaliex fil-fehma tal-esponent, il-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza taghha hawn fuq riferita, inter alia ghamlet enunazzjoni zbaljata tal-provi kif migjuba li fil-fatt wasslet ghall-helsien tal-imputati mill-imputazzjoni migjuba kontra taghhom, nonche sahhet il-konkluzjoni taghha fuq interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-Ligi. Ghaldaqstant l-esponent qieghed jinterponi dan l-umli appell, inter alia ai termini tal-artikolu 413(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-esponent jidhirlu li mill-provi prodotti quddiem dik il-Qorti, kemm mit-testimonjanzi kif ukoll mid-dokumenti prodotti, dik l-istess Qorti ma setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni minnha milhuqa (li tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghhom) stante li gie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputati appellati wettqu ir-reat imputat lilhom.

L-esponent jidhirlu li f'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni rnexxiela tipprova l-kaz taghha sal-grad mehtieg mill-ligi ghar-ragunijiet segwenti :-

i. Illi mit-tender document in kwistjoni, jirrizulta illi taht is-Sub Titolu "Selection Criteria" immarkat bhala 3(c) hemm ir-rekwizit immarkat bhala (v) li jispecifika s-segwenti - "Premises that are accessible for persons with disabilities". Illi ghaldaqstant ghandu jkun pacifiku illi wiehed mir-rekwiziti li kellhom jkunu sodisfatti sabiex applikazzjoni

tikkwalifika ghal dan it-tender kien illi l-premises illi ser jigu utilizzati mill-applikant ikunu accessibli ghall-persuni b'dizabilita'.

ii. Illi jirrizulta li wahda mis-socjetajiet li applikaw sabiex jottjenu dan it-tender kienet is-socjeta Future Focus Limited. Illi mill-Memorandum & Articles tal-istess socjeta, jirrizulta li d-Direttrici tal-kumpanija hija l-imputata Rosanne Galea, u jirrizulta wkoll mill-atti li l-imputat John David Galea li jigi zewgha, kien ukoll involut fil-preparazzjoni tad-dokumenti sabiex issir l-applikazzjoni in kwistjoni.

iii. Illi mid-dokument li gie prezentat mis-sojeta Future Focus Limited sabiex tippartecipa f'dan il-process ta' selezzjoni ta' tenders, jirrizulta li s-socjeta f'dan id-dokument kienet iddikjarat illi "Premises are accessible for persons with disabilities";

iv. Illi mid-dokument li gie prezentat lid-Dipartiment tal-Kuntratti jirrizulta li din id-dikjarazzjoni tas-sojeta Future Focus Limited tinsab f'pagna 30 tal-istess dokument. Illi a bazi ta' dan id-dokument, kienu gew iggudikati mill-Education Board.

v. Illi jirrizulta wkoll illi d-data tal-gheluq ta' dan it-tender kienet il-hdax (11) ta' Settembru 2008 fl-ghaxra ta' filghodu (10.00 hrs) u li l-applikazzjoni tas-socjeta Future Focus Limited kienet giet prezentata qabel din id-data;

vi. Illii Francis Attard bhala Direttur tal-Kuntratti ikkonferma li s-socjeta Future Focus Ltd kienet issottomettiet l-offerta taghha u li fl-offerta li dahlet hija kienet indikat illi l-fond li kienet ser tpoggi ghad-disposizjoni tat-tahrig kien accessibbli ghall-persuni b'dizabilita. Ix-xhud jikkonferma li l-unika post li kien gie offrut minn din is-socjeta kien 8, Triq Magazin, Floriana.

vii. llli Juan Borg Manduca bhala Direttur tal-Mcast meta gie muri t-tender document a fol 248 u precizament it-tielet pagna tat-tender document specifikament il-parti immarkata numru 3 subinciz C, jispjega ii "is-subinciz jindika hames (5) punti li jaghmluha mandatarja li sabiex tkompli ghat-tieni fazi dawn il-hames punti jridu jkunu sodisfatti." Huwa jispecifika li dan id-dokument "jghid u jpoggi l-htiega li l-fond jigifieri ic-centru jkun atrezzat ghal nies li huma handikappati." Huwa jikkonferma li l-imputati appellati kienu tefghu l-offerta taghhom u jispejga li "Ahna bhala Bord noqghodu fuq id-dikjarazzjoni li jaghmlulna l-offerent ghaliex spjegajt li mhuwiex il-kompitu tal-Bord li nippresjedi jien illi mmorru naghmlu spezzjonijiet fuq is-sit." Illi dan kien gie konfermat ukoll minn Rosanno Cuschieri, Peter Camilleri, Fabienne Ruggier u Raymond Mangion li ukoll kienu parti mill-Bord ta' Evalwazzjoni;

viii. llli mill-investigazzjonijiet li saru mill-pulizija rrizulta li kuntrarjament ghal dak dikjarat mis-socjeta Future Focus Limited, dawn il-premises ma kienux accessibli ghall-persuni b'dizabilita'. llli waqt l-investigazzjoni, kienu accede fuq il-post PS 474 Norbert Said u PC 569 Anthony Cassar li kienu hadu diversi (disgha) ritratti tal-fond in kwistjoni, liema ritratti jinsabu ezebiti in atti. llli PS474 Norbert Said kien xehed viva voce u ikkonferma li fit-22 ta' Ottubru tas-sena 2008 huwa flimkien ma PS 569 Anthony Cassar kienu ghamlu spezzjoni gewwa l-fond numru 8, Triq l-Imhazen, Floriana li jappartjeni lill-kumpanija Future Focus Limited. Illi huwa spjega li "L-impediment ghai nies b'dizabilita' kien illi biex jaccedu minn sular ghail-iehor kien hemm tarag biss ... meta mort naghmei l-ispezzjonijiet lift ma kienx hemm. Mit-triq ghal pjan terran kien hemm targa wahda ta' circa dsatax-il centimetru gholi u f'dik id-data rampa ma kienx hemm. Bejn sular u iehor

kien hemm circa ghoxrin targa."

ix. Illi mill-istqarrija tal-imputati appellati stess jirrizulta illi :-

(i) Stqarrija tal-imputata appellata Rosanne Galea bhala Managing Director ta' Future Focus Limited':

M: "Naqblu wkoll li f'pagna 30 tas-sottommissjonijiet ta' Future Focus Ltd. Intom iddikjarajtu ii dan ic-centru kien accessibbli ghai persuni b'dizabiiita ?"

T: "Iva"

M: "Naqblu li pero dan mhux minnu ghaliex dan ic-centru mhuwiex accessibbli ghall maggoranza ta' persuni b'dizabbiita'?"

T: "Le mhux accessibbli ghai kull persuna b'dizabbilita' imma huwa accessibbli ghall maggoranza ta' persuni b'dizabbiiita hlief persuni ii ghandhom bzonn wheelchair."

M: "La mhux accessibbli ghal kull persuna b'dizabilita' ghalfejn ma kkwalifikajtux dan fis-sottommissjonijiet taghkom?"

T: "Ma dehrilniex li we should declare it ghax qatt ma kellna persuni b'wheelchair kemm ilna mftuhin minn December 2000.."

(ii) Stqarrija tal-imputat appellat John Galea bhala rapprezentant ta' Future Focus Limited:

M: "Naqblu wkoll li f'pagna 30 tas-sottommissjonijiet tieghek f'isem Future Focus Ltd, inti iddikjarajt li dan ic-centru kien accessibbli ghal persuni b'dizabilita' ?"

T: "Naqbei izda nixtieq nikjarifika dan: Meta qed nitkellmu fuq persons with disabilities,

dizabilita' tfisser hafna aktar minn semplici wheelchair u allura l-post huwa accessibbli

ghal hafna dizabilitajiet ...“

M: “Naqbiu li persuni li jaghmlu uzu minn wheelchair jaqghu taht il-kiassifika ta' persuni b'dizabbiiita'?

T: “Iva Pero' nixtieq nenfasizza li skond it-tender documents ma gie definit ebda standards ta' accessibility for persons with disabilities.”

x. llli referenza trid issir ukoll ghax-xhieda tal-espert mahtur milI-Qorti, il-Perit Paul Micallef li fil-prezentata tal-kaz quddiem il-Qorti tal-Magistrati ossia fis-9 ta' Marzu 2009 kien gie mahtur fuq talba tal-prosekuzzjoni sabiex jaghmel spezzjoni fil-fond 8, Triq Magazin, Floriana u jistabilixxi jekk dan il-fond hux accessibbli ghall-persuni b'dizabilita'. Illi l-Perit Peter Paul Micallef jikkonferma li huwa kien ghamel access fuq il-fond in kwistjoni nhar l-Erbgha 25 ta' Marzu 2009 u il-konkluzjonijiet tieghu huma li:

“ll-bini m'huwiex accessibbli ghal persuni b'dizabilita'. Il-fatt illi r-rampa hi' barra mhumiex skond l-istandards tal-KNPD jaghmluha inaccessibbli ghal persuni b 'dizabilita'

biex jaghmlu uzu minn din l-iskola minghajr ghajnuna ta' terzi. Barra minn hekk il-fatt li l-bibien tal-facilitajiet sanitarji huma dojoq u ma jghaddix 'wheelchair' minnhom jaghmilha impossibbli li persuni b'dizabilita' go wheelchair jaghmlu uzu minn dawn il-facilitajiet.”

xi. Illi xehed ukoll Alfred Bezzina li kien Direttur tal-Kummissjoni dwar Persuni b'Dizabilita' li jghid li fis-sena 2008 kienet bdiet investigazzjoni dwar l-accessibilita ta' persuni b'dizabilita ghal din l-iskola Future Focus Limited. Jispjega li dak iz-zmien il-Kummissjoni kienet inkarigat perit arkitett li kien prezentaihom rapport. Huwa jiftakar li l-konkluzjoni tieghu kienet li skond il kriterji tal-Kummissjoni, il-post ma kienx accessibbli.

Din l-investigazzjoni kienet bdiet wara ilment li rceviet il-Kummissjoni u sussegwentement kien hemm talba mill-Mcast fir-rigward ta' numru ta' skejjel.

xii. llli l-Pent Joseph Spiteri xehed li huwa kien gie inkarigat mill-Kummissjoni dwar in-nies b'dizabilita' sabiex jaghmel spezzjoni fuq skola bl-isem ta' Future Focus Limited li qeghda l-Floriana. Huwa kien acceda fuq il-post nhar l-24 ta' Marzu 2009. llli huwa prezenta r-rapport tieghu fejn jikkonkludi Ii dan il-post ma kienx accessibbli ghal persuni b'dizabilita u dan skond il-kriterji tal-Kummissjoni;

xiii. llli referenza trid ssir ukoll ghax-xhieda tal-imputati stess. llli in kontro ezami, fuq domandi tal-ufficcjal prosekutur, l-imputata appellata Rosanne Galea ikkonfermat illi:-

(i) Meta tefghu t-tender, l-unika post li kienu ndikaw kien il-post ta' Triq il-Magazini, Floriana (Vide fol 429);
(ii) Meta tefghu t-tender, kienu ddikjaraw illi dan il-fond kien accessibbli ghal-nies b'dizabilita' (Vide fol 429);
(iii) Ikkonfermat illi l-mobility li hija semmiet waqt ix-xhieda taghha kienet saret biss wara ii saru s-sottommissjonijiet tat-tender, u wara d-data li hija kienet mitluba taghmel stqarrija lill-pulizija fis-26 ta' Ottubru 2008; (Vide fol 429-430).

llli in kontro-ezami ukoll, fuq domandi tal-ufficcjal prosekutur, l-imputat appellat John David Galea ikkonferma li:

(i) id-data tal-gheluq tat-tenders kienet il-11 ta' Settembru 2008 u li huma kienu ssottomettew l-offerti taghhom sa dik id-data (Vide fol 454);
(ii) id-dikjarazzjoni li l-premises taghhom kienu accessibbli ghall-persuni b'dizabilita' ghamluha meta ssottomettew l-offerti taghhom u ghaldaqstant fid-data tal-11 ta' Settembru 2008 jew fil-granet ta' qabel (Vide fol 454);

(iii) l-istair climber li l-imputat appellat ghamel referenza ghalih fix-xhieda tieghu gie installat fl-20 ta' Novembru 2008 u ii ghaldaqstant dan gara wara data li huma ghamlu dikjarazzjoni li l-premises in kwistjoni kienu accessibbli ghall-persuni b'dizabilita (Vide fol 455) u wara li kienet saret l-investigazzjoni tal-pulizija;

llli in vista ta' dawn il-provi kollha li tressqu mill-prosekuzzjoni, fl-umli fehma tal-esponent il-Qorti tal-Magistrati (Malta) keliha ssib htija ghaliex bid-dikjarazzjoni tal-imputati appellati il l-fond kien accessibbli ghall-persuni b'dizabilita' fil-mument li tefghu l-offerti, meta fil-fatt ma kienx hekk accessibbli, l-imputati appellati kienu ghamlu dikjarazzjoni falza fit-termini tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet tal-Malta u dan sabiex jiksbu vantagg ghalihom infushom kif ser jigi spejgat aktar il-quddiem f'dan l-appell.

llli in vista ta' dak kollu suespost, fi-umli fehma tal-esponent il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ma setghatx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li hija waslet u dan ghas-segwenti ragunijiet :-

(i) Il-Qorti tal-Magistrati tafferma li "s-sejha biex jigu provduti s-servizzi ta' tahrig, rikjest fit-tender, kien jispecifika biss li l-fond kellu jkun accessibbli ghall-persuni b'dizabilita' u li mkien ma' giet marbuta din ta' l-accessibbilita' ma xi kriterji specifici." Illi filwaqt illi huwa pacifiku li t-tender kien jispecifika biss li l-fond kellu jkun accessibbli ghall-persuni b' dizabilita', fl-umli fehma tal-esponent mill-provi prodotti huwa manifest illi tali fond ma kienx hekk accessibli fil-mument li saret id-dikjarazzjoni mis-socjeta'. llli dan gie sahansitra konfermat mill-imputati appellati stess fl-istqarrijiet taghhom hawn fuq citati, li kkonfermaw li fil-mument li huma ssottomettew l-offerti taghhom, il-post ma kienx accessibbli ghal kull persuna b'dizabilita' izda biss ghal certu persuni, b'mod specifiku ma kienx accessibbli ghall-persuni li jaghmlu uzu minn wheelchair. Illi ghaldaqstant huwa manifest illi l-imputati appellati kienu ghamlu dikjarazzjoni falza meta ddikjaraw li l-fond kien accessibbli u dan minghajr ma ghamlu l-ebda kwalifika.

llli in oltre l-fatt li t-tender document ma kienx jispecifika ghall-grazzja tal-argument jekk l-accessibilita ghall-persuni li jaghmlu uzu mill-wheelchair kelliex tigi provduta permezz ta' rampa, lift jew mobility stairs, jfisser biss li dak li kien importanti li jigi sodisfatt kien li l-fond ikun accessibbli ghall-persuni b'dizabilita u dan irrispettivament mill-metodu li kellu jintuza biex tali fond ikun accessibbli.

(ii) Il-Qorti tal-Magistrati irriteniet wkoll li "i-fond dikjarat ii kien wiehed antic gia' fl-istadju meta ntefghu l-offerti, sarulu, fil-limiti konsentiti, modifikazzjonijiet u amiljoramenti li, fil-fehma tal-Qorti, irrendewh accessibbli ghall-persuni disabbli, veru mhux proprjament konformi ghal koilox mai-kriterji rakkomandati mill-KNPD, li pero' ma kienx impost bhala rekwizit." Illi din il-konsiderazzjoni li saret mill-Qorti tirrigwarda modifikazzjonijiet u ameijoramenti li saru wara li saret id-dikjarazzjoni lill-awtoritajiet koncernati u dan kif jirrizulta wkoll mill-kontroezami tal-imputati li saret referenza ghalihom aktar 'il fuq.Illi ghaldaqstant fl-umli fehma tal-esponent il-Qorti ma setghatx ragjonevolment tistrieh fuq tali konsiderazzjoni sabiex tasal ghall-konkluzjoni ii ma kienx hemm htija. Illi dan qed jinghad ghaliex dak li kellha tevalwa l-Qorti tal-Magistrati kien effetivament jekk il-fond kienx accessibbli ghall-persuni b'dizabilita' fil-mument li saret id-dikjarazzjoni mis-socjeta 'Future Focus Limited' li kien accessibbli. llli jekk tali fond ma kienx hekk accessibbli fil-mument li saret tali dikjarazzjoni, l-Qorti kellha ssib htija u dan ghaliex dan ifisser li l-imputati, ben sapendo, li dak il kriterju ta' accessibilita kien wiehed mis-"Selection Criteria" u li allura kien kriterju li jekk ma jkunx sodisfatt jwassal ghall-ineligibilita tal-offerta taghhom, ghazlu li jaghmlu dikjarazzjoni faiza, u cioe dik li l-fond taghhom kien accessibbli ghall-persuni b'dizabilita'. llli dan sar sabiex l-imputati jakkwistaw vantagg ghalihom infushom, u cioe l-offerta taghhom tkun eligibli.

(iii) Il-Qorti tal-Magistrati kkonsidrat wkoll li "Tabilhaqq hemm gradi varji ta' dizabilita' u ma saret ebda referenza flr-rigward. Effetivament il-fond setgha jintlahaq f'kull parti minnu, hlief ghall-facilitajiet sanitarji permezz ta' siggu bir-roti, li skond il Qorti kien allura jinneccessita mhux biss l-effettiv access ghall-gewwa izda wkoll facilitajiet sanitarji appositi li fi-ebda parti tad-dokument tat-tender ma gie impost." Llli fi-umli fehma tal-esponent hawnhekk ukoll ghandhom jigi precizati zewg affarijiet :-

(a) llli din il-konkluzjoni li saret referenza ghaliha mill-Qorti li il-fond setgha jintlahaq f'kull parti minnu, hlief ghall-facilitajiet sanitarji permezz ta' siggu bir-roti kienet giet determinata mill-espert mahtur mill-Qorti, il-Perit Paul Micallef, li kien acceda fuq il-post in kwistjoni nhar l-Erbgha 25 ta' Marzu 2009. Illi kien biss f'dik id-data li l-fond setgha jintlahaq f'kull parti minnu, hlief ghall-facilitajiet sanitarji permezz ta' siggu bir-roti.

(b) Illi madanakollu ghandu jigi precizat illi d-dikjarazzjoni tal-imputati appellati kienet saret ferm qabel ossia fid-data tal-11 ta' Settembru 2008 jew fil-granet ta' qabel hekk kif jirrizulta wkoll mill-kontro-ezami tal-imputati appellati hawn fuq citati. Illi dan ifisser zewg affarijiet:

i. llli fid-data tal-25 ta' Marzu 2009, il-fond xorta ma kienx kollu accessibbli ghall-persuni b'dizabilita', b'dan illi partijiet minnu ma kinux accessibli u

ii. Illi fid-data ta' meta saret id-dikjarazzjoni ossia fil-li ta'Settembru 2008 jew fil-granet ta' qabel, il-fond kollu ma kienx accessibbli u mhux biss dawn il-facilitajiet sanitarji. Illi dan gie pruvat grazzi ghax-xhieda tal-ufficcjal prosekutur, ta' PS 474 Norbert Said u r-ritratti li huwa gibed, kif ukoll permezz tal-istqarrija tal-imputati u l-kontro-ezami taghhom.

(iv) llli in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tal-Magistrati ikkonkludiet illi: "In konsegwenza ta' dan il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjonijiet espressi flz-zewg rapporti peritali, izda mhux biss hija tal-fehma li l-kundizzjoni tal-accessibilita' kellha tezisti sad-data tal-iffirmar tal-kuntratt (mittiehed in konsiderazzjoni l-'mobilisation period') u d-dikjarazzjoni relattiva tal-imputati ghandha tittiehed f'dan is-sens. Madanakollu, din hi kawza kriminali u jekk ghall-grazzja tal-argument, hemm l-'actus', il-mens m'ghandux jirrizulta." Illi l-esponent huwa tal-umli fehma li l-Qorti ma setghatx ragjonevolment tasal ghal dik il-konkluzjoni u dan ghaliex fi-ebda parti tad-dokument ma gie indikat illi l-kundizzjoni tal-accessibilita' kellha tezisti sad-data tal-iffirmar tal-kuntratt. Illi anzi kuntrarjament ghal dak ritenut, mix-xhieda ta' Juan Borg Manduca, id-Direttur tal-Mcast, li giet citata aktar 'il fuq, jirrizulta li l-kriterju ta' accessibilita' flimkien ma' xi kriterji ohra kien kriterju mandatorju li kellu jigi sodisfatt sabiex l-applikant ikun elegibbli sabiex ikompli ghat-tieni fazi tal-process. llli ghaldaqstant, l-imputati appellati konsapevolment

kienu ghamlu dikjarazzjoni falza sabiex huma jiksbu vantagg ghalihom nfushom u jkunu elegibbli sabiex ikomplu ghat-tieni fazi tal-process.

Illi fir-rigward tal-kriterju l-iehor li kellu jigi sodisfatt sabiex tinsab htija, dak illi d-dikjarazzjoni tkun saret lill-awtorita pubblika, l-Qorti tal-Magistrati stess irriteniet illi fil-kaz in ezami l-entita koncernata kellha l-figura ta' awtorita pubblika u ghaldaqstant l-esponent ihoss li huwa m'ghandu ghalfejn izid xejn f'dan ir-rigward.

Illi meta wiehed iqis il-provi koliha prodotti, l-esponent huwa tal-umli fehma li l-imputazzjoni giet pruvata oltre kull dubju dettat mir-raguni. Illi ghaldaqstant l-esponent jissottometti li l-imputati appellati kelihom jinstabu hatja tal-imputazzjoni migjuba kontrihom.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellati Rosanne Galea u John David Galea huma diretturi tas-socjetà "Future Focus Limited" illi tispecjalizza fit-taghlim tal-informazzjoni teknologika. Peress illi dan is-suggett sar popolari hafna u l-kullegg principali fejn isir it-taghlim huwa l-Malta Collage of Arts, Science and Technology ma jistax ilahhaq mad-domanda hareg tender ghall-operaturi privati illi joffru dan is-servizz sabiex japplikaw u li jircievu madwar sittin (60) student ghal dan it-taghim. L-appellati issottomettew tnejn mit-tlett tenders illi kienu nhargu fi zmien stipulat fl-istess tender. Ghaddew mill-ewwel stadju ta' skrutinju u ntbaghtu quddiem il-bord ta' evalwazzjoni ghal aktar skrutinju. Iz-zewg tenders intavolati mill-appellati gew accettati. Fl-ewwel (1) ta' Ottubru tal-elfejn u tmienja (2008) sar rapport lill-pulizija fejn gie allegat illi skont ir-rekwiziti tat-tender documents inkwistjoni l-operaturi kienu jikkwalifikaw biss jekk jissodisfaw certi kondizzjonijiet, fosthom dak illi l-post provdut ghandu jkun accessibbli ghal persuni b'dizabilità. Gie allegat li stante li l-offerti li saru ma

kinux jissodisfaw il-kondizzjonijiet mehtiega kien hemm certa irregolaritajiet. Mhuwiex ikkontestat illi fir-rigward tas-socjetà Future Focus Limited gestit mill-appellati, dina kienet iddikjarat illi l-premises illi kienu ser jintuzaw huma accessibbli ghal persuni b'dizabilità. Gie allegat illi dana ma kienx minnu u kwindi l-appellati ghamlu dikjarazzjoni falza fil-kuntest tal-artikolu 188 tal-Kap. 9. Tressqu l-Qorti biex iwiegbu ghal din l-akkuza u b'sentenza moghtija fl-ghoxrin (20) ta' Marzu tal-elfejn u tlettax (2013) (fol 463) l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellati hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u konsegwentement ordnat il-liberazzjoni taghhom.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell fejn l-ilment principali tieghu kien illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u li ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni minnha milhuqa. Hu pacifiku bejn il-partijiet li mit-tender document inkwistjoni jirrizulta illi taht is-sub titolu "Selecton Criteria" immarkat bhala 3(c) hemm ir-rekwizit immarkat bhala "V" li jispecifika li "Premises that are accessible for persons with disabilities". Hu pacifiku wkoll li mid-dokument li gie prezentat mis-socjetà Future Focus Limited sabiex tippartecipa f'dan il-process ta' selezzjoni ta' tenders jirrizulta li s-socjetà f'dan id-dokument kienet iddikjarat illi, "premises are accessable for persons with disabilities" (dokument AG2, fol 20). Id-dokument gie ipprezentat fit-terminu tal-gheluq tat-tender u cioé hdax (11) ta' Settembru tal-elfejn u tmienja (2008) fl-ghaxra ta' filghodu (10.00 a.m.). Gie gudikat mill-Education Board u peress illi issodisfa l-hames punti enuncjati fin-numru 3(c) tat-tender document, dana ghadda sabiex jigi kunsidrat fit-tieni stadju quddiem il-board ta' evalwazzjoni. Mill-ewwel investigazzjonijiet illi saru mill-pulizija irrizulta li kuntrarjament ghal dak li gie dikjarat mis-socjetà Future Focus Limited il-fond minn fejn kien ser jigi gestit dan it-tahrig u cioé 8, Triq Maggazin, il-Furjana, ma kienx accessibbli ghal persuni b'dizabilità fis-sens li persuna b'wheelchair ma setghetx taccedi ghall-ambjenti kollha tal-fond fejn isir it-taghlim liberament u minghajr ghajnuna ta' terzi.

Fl-istqarrija taghha l-appellata Rosanne Galea tammetti illi persuna b'wheelchair ma tistax taccedi ghal dan il-fond meta hi tghid "le, mhux accessibbli ghal kull persuna b'dizabilità, imma huwa accessibbli ghall-maggoranza ta' persuni b'dizabilità hlief persuni illi ghandhom bzonn wheelchair." Deherilha illi ma kellhiex tiddikjara dan fid-dokument tat-tender il

ghaliex qatt ma kellhom persuna b'wheelchair minn mindu fethu f'Dicembru tas-sena elfejn (2000). L-istess jammetti l-appellat John Galea fejn filwaqt illi ammetta illi kien iddikjara illi l-fond kien accessibbli ghal persuni b'dizabilità, spjega illi dizabilità tista' tfisser hafna sitwazzjonijiet u mhux biss wheelchair, allura f'dak il-kaz il-post kien accessibbli ghal hafna dizabilitajiet. Argumenta illi skont it-tender documents ma giex definit ebda standards ta' accessibility for persons with disabilities. Hawn qieghda l-kontroversja f'dan il-kaz. Filwaqt illi l-Avukat Generali qieghed jargumenta illi access ghall-persuni b'dizabilità ghandha tfisser access b'wheelchair, l-appellati qieghdin jghidu illi access ghal persuni b'dizabilità tista' tfisser hafna affarijiet ghal hafna forom ta' dizabilitajiet u l-fond hu accessibbli ghal hafna nies b'dizabilità ghad illi jista' jkun hemm diffikultajiet ghal persuni f'wheelchair. Argumentaw, perezempju, illi rampa tista' sservi ghal wheelchair izda ghal amputee bi prostasis hija l-ghar haga li jista' jkollu. Terga', filwaqt illi ammettew illi l-fond kellu tarag, u dan kien problema, izda ma kien hemm ebda definizzjoni fit-tender document ta' xhiex kellha tkun id-dizabilità u x'kien mistenni mill-applikanti. Skont it-tender, is-servizz shih kellu jigi ipprovdut wara l-mobilisation period u mhux f'dak l-istadju tat-tender, fejn f'dak l-istadju wkoll ma kienx hemm kejl tal-Qorti fuqxiex timxi u ghalhekk l-argument tal-Qorti tal-Magistrati kien korrett u kellha tigi konfermata minn din il-Qorti.

Ikkunsidarat:

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Tibda biex taghmilha cara u tafferma bhala principju li l-kriterju "access ghal persuni b'dizabilità" jinkludi bhala minimu access b'wheelchair ghall-ambjenti kollha fejn dan il-kriterju japplika. Dan qed tiddikjarah kemm minhabba l-uzu popolari tal-kriterju kif ukoll li l-buon sens hekk jehtieg illi tigi mfissra. Ghalhekk meta d-dokument tat-tender jirrikjeda access ghal persuna b'dizabilità, il-fond kollu kemm hu fejn isir dan l-access irid ikun accessibbli ghall-persuni b'wheelchair indipendentement minn ghajnuna ta' terzi. Meta l-appellati pprezentaw id-dokument taghhom fil-hdax (11) ta' Settembru tal-elfejn u tmienja (2008) il-fond li minnu kien se jigi gestit it-taghlim ma kienx accessibbli ghal persuni b'dizabilità peress illi ma kellux access ghal wheelchair. Dana l-appellati kienu jafuh imma madanakollu fid-dokument nizzlu illi l-fond kien accessibbli ghal persuni b'dizabilità. Dina kienet dikjarazzjoni falza illi minnha l-

appellati hadu gwadann peress illi l-process tat-tender ghadda ghat-tieni fazi ta' evalwazzjoni quddiem bord partikolari.

Il-Qorti tal-Magistrati kellha quddiemha zewg relazzjonijiet ta' periti, wiehed imqabbad mill-Qorti u iehor imqabbad ex parte u t-tnejn qablu li l-fond kif kien f'dak l-istadju ma kienx accessibbli ghal persuni b'dizabilità minhabba dan l-impediment tal-uzu ghal wheelchair. Madanakollu l-ewwel Qorti iddecidiet illi ma kellhiex toqghod fuq dawn ir-relazzjonijiet. Filwaqt illi huwa minnu illi gudikant jista' ma joqghodx fuq relazzjoni teknika, però dan ma jistax jaghmlu kapricjozament u jista' biss ma joqghodx fuq rakkomandazzjonijiet teknici jekk ikollu rapport iehor illi jmeri jew ivarja l-ewwel rapport. Il-Qorti ma jkollhiex esperjenza f'certa oqsma teknici illi gieli jkollha thabbat wiccha maghhom u ghalhekk tinnomina periti li jkunu esperti fil-materja sabiex jghinuha u jaghmlu r-rakkomandazzjonijiet taghhom. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet ghandhom jigu osservati u mhux imwarrba ghax hekk biss il-Qorti jista' jkollha s-serhan tal-mohh illi tiehu decizjonijiet bazati fuq rakkomandazzjonijiet maghmula minn persuni teknici.

L-appellati ukoll argumentaw illi huma ma kinux tenuti jipprovdu s-servizz shih dakinhar tal-prezentata tad-dokument tat-tender izda biss mal-firma tal-kuntratt peress illi hemm perjodu maghruf bhala mobilization period. Huwa f'dan il-perjodu illi jridu jsiru x-xoghlijiet ghall-compliance mat-tender document. Bir-rispett din il-Qorti jidhrilha illi dan l-argument huwa irrilevanti. L-importanti hu illi dakinhar illi gie pprezentat it-tender document fil-hdax (11) ta' Settembru tal-elfejn u tmienja (2008) dak id-dokument kien jghid xi haga illi ma kienx veru. L-appellati kienu jafu b'dan, hadu gwadann minn din il-gidba billi l-process ghadda fl-istadju tal-evalwazzjoni. Il-fatt illi gie istallat stair climber fl-ghoxrin (20) ta' Novembru tal-elfejn u tmienja (2008) ma jbiddel xejn ghas-sitwazzjoni legali li qed jaffrontaw l-appellati. Dan l-istair climber gie istallat wara l-prezentata tad-dokument tat-tender fejn allura l-appellati ircevew vantagg minn dan id-dokument sforz ghall-gidba illi kien fih. Dan jaqa' nettament taht ic-censura tal-artikolu 188 tal-Kap. 9 li ghaliha l-appellati ghandhom iwiegbu.

Ghalhekk din il-Qorti ssib li l-Qorti tal-Magistrati fuq il-provi li kellha quddiemha ma kellhiex tasal biex tiddikjara lill-appellati mhux hatja u din il-Qorti thoss illi ghandha tiddisturba din il-konkluzjoni. Ghal dawn il-motivi taqta′ u tiddeciedi illi tilqa′ l-appell tal-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li rat l-artikolu 188 tal-Kap. 9 tiddikjara lill-appellati hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u tikkundannahom ghal piena ta′ prigunerija ta′ tmintax-il xahar kull wiehed u wahda minnhom b′dana però wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tordna li dan it-terminu ghandu jkun sospiz ghal zmien sentejn.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------